*Notamenti*

## META JAĦKEM ID-DLAM

***(F)***

**ANISSIA**
**NAF NIDDAKKAR MINNEK.**

Eh, għax m'intix xaħħiħ int lanqas! Dażgur, huwa jekk jitlaq issa tiffranka żżoqqu tul ix-xitwa, mhux hekk? U dil-bhima martek tinfileġ waħidha bix-xogħol għal xitwa sħiħa, u b'din bintek ma' djulha li lanqas trodd salib ma taf, aħseb u ara taħdem! U int titgħaxxex fis-sodda qisek il-Paxà! Hekk nibqgħu tarax, mela mhux hekk! Imma se jgħarralek bl-ikrah taf, xbin – bl-ikrah se jgħarralek! M'intix se tgħaddini minn għajn il-labra lili!

*PIOTR: Imma għalfejn qed nagħmlu kollox fatta! Għalfejn! Jekk lanqas biss nafu dak li veru se jagħmel dak... mhux billi tgħid din il-belha!*

U mela ħa ngħidlek, Piotr – il-fatt hu li issa hemm wisq bhejjem. Ukoll żewġt irġiel bilkemm ilaħħqu biex jindukrawhom tul ix-xitwa, aħseb u ara! U mela tiġi tgħidli trid tqalfat 'il barra l-ħaddiem waħdieni li għandek! Imma ara x'se ngħidlek, jien m'iniex beħsiebni nkun il-paljazza tiegħek dix-xitwa, ara taħseb! Naf niddakkar minnek u ninxteħet qalb il-frix jew quddiem in-nar u nħalli kollox sejjer il-baħar – jekk taqta' nafx! U jaqbillek tiftaħ għajnejk, jekk għadek kapaċi! *(<167)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

PDF QR?

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............ |
| **PROPS** | ................................................................ | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ IVA ☐ = ............................ | |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |